# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tnejn 5 ta’ Ottubru, 2015

**Kawża Numru 2**

**Ċitazz. Nru. 681/03JRM**

Anthony u Giorgina konjuġi **MELI** u b’degriet tal-15 ta’ Marzu, 2005, l-atti għaddew fil-persuna ta’ l-attriċi Giorgina Meli bħala werrieta u legatarja tal-attur li miet fil-mori tal-kawża

vs

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Lulju, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-atturi talbu li l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija assikuratriċi mħarrka għandha tinżamm responsabbli biex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin minnhom fis-serqa u l-ħruq tal-karozza tagħhom tal-għamla *Volvo S40* reġistrata LCC-268 u dan bis-saħħa tar-rabta tal-istess kumpannija mħarrka taħt il-polza ta' assikurazzjoni fis-seħħ; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija assikuratriċi mħarrka li tħallashom l-ammont ta' ħmistax-il elf lira Maltin (Lm 15,000)[1] bħala l-valur li għalih kienet assikurata l-imsemmija vettura jew somma oħra kif tista' tkun likwidata mill-Qorti, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' perit minnha maħtur. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-ħlas tal-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-23 ta' Ottubru, 2003, li biha l-kumpannija assikuratriċi mħarrka laqgħet għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex il-kumpannija GasanMamo Insurance Agency Limited ma għadhiex teżisti. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu bl-ispejjeż kontra l-atturi. Hija saħqet li l-atturi jmisshom juru li l-karozza tagħhom insterqet tassew, kif bosta drabi wegħdu li jagħmlu u baqgħu qatt ma għamlu. Minħabba f'dan in-nuqqas, l-attur assikurat naqas li jħares dak li ntrabat bih fil-polza ta' assikurazzjoni u jiġifieri d-dmir li jagħti tagħrif sħiħ lilha ("*duty of disclosure*"). Żiedet tgħid li, bla ħsara għall-eċċezzjoni ta' qabel, l-ammont mitlub mill-atturi huwa eżaġerat u jaqa' fuq l-atturi d-dmir li jippruvaw kemm kienet tabilħaqq tiswa l-karozza dakinhar li allegatament insterqet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2003[2], li bih ordnat il-bidla meħtieġa f'isem il-kumpannija mħarrka għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ħadet ħsieb l-ewwel eċċezzjoni preliminari li l-kumpannija mħarrka ma baqgħetx tisħaq aktar dwarha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2005[3], dwar fejn kien jinsab dak li fadal mill-karozza mertu tal-każ;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2007[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Li jġibu € 34,940.60 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 15 tal-proċess
[3] Paġġ. 113 tal-proċess
[4] Paġ. 113 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fis-17 ta' Jannar, 2008[5];

Rat il-provvediment kamerali tagħha tas-7 ta' Marzu, 2008[6], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b'rikors tagħha tat-22 ta' Jannar, 2008, li fih talbet lill-Qorti terġa' tiftaħ l-istadju tat-tressiq tal-provi fid-dawl ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri b'rabta mal-istess inċident[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-28 ta' Awwissu, 2008[8], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attriċi;

Rat in-Nota mressqa miż-żewġ partijiet flimkien fil-21 ta' Ottubru, 2008[9], bid-dokument (kopja tal-polza ta' assikurazzjoni) mehmuż magħha;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal risarċiment ta' ħsara mġarrba minn assikurat taħt polza ta' assikurazzjoni. L-atturi huma s-sidien ta' karozza li ngħatat in-nar wara li kienet ittieħdet minn post fejn l-attur kien ħalliha meta ħareġ ma' martu l-attriċi;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "GMI") laqgħet billi qalet b'mod preliminari, li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex il-kumpannija GasanMamo Insurance Agency Limited ma għadhiex teżisti. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu bl-ispejjeż kontra l-atturi. Hija saħqet li l-atturi jmisshom juru li l-karozza tagħhom insterqet tassew, kif bosta drabi wegħdu li jagħmlu u baqgħu qatt ma għamlu. Minħabba f'dan in-nuqqas, l-attur assikurat naqas li jħares dak li ntrabat bih fil-polza ta'

---

[5] Paġġ. 169 – 173 tal-proċess
[6] Paġġ. 191 – 3 tal-proċess
[7] Avviż. Nru. 211/05 App. Inf. 9.1.2008
[8] Paġġ. 196 sa 207 tal-proċess
[9] Paġġ. 210 – 8 tal-proċess

assikurazzjoni u jiġifieri d-dmir li jagħti tagħrif sħiħ lilha ("*duty of disclosure*"). Żiedet tgħid li, bla ħsara għall-eċċezzjoni ta' qabel, l-ammont mitlub mill-atturi huwa eżaġerat u jaqa' fuq l-atturi d-dmir li jippruvaw kemm kienet tabilħaqq tiswa l-karozza dakinhar li allegatament insterqet;

Illi fid-dawl tad-degriet mogħti fl-20 ta' Novembru, 2003, ma kien għad fadal l-ebda ħtieġa li l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' GMI tibqa' fis-seħħ u għaldaqstant li l-Qorti ma għandhiex għalfejn tqisha aktar;

Illi, mill-atti tal-kawża jirriżulta bħala fatt li l-attur kien xtara karozza ġdida tal-għamla *Volvo S40*, reġistrata LCC-268, bin-nifs matul Jannar tal-2000 għall-prezz ta' sbatax-il elf Lira Maltin (Lm 17,000)[10], parti minnu mħallas bi tpartit ma' karozza oħra li kellu qabel[11]. Il-karozza kienet mudell tal-1999. L-attur kien l-ewwel sid reġistrat tagħha[12];

Illi fil-25 ta' Mejju, 2001, filgħaxija l-atturi kienu ħarġu għall-ikel fi stabiliment fl-Imġarr (Malta) u l-attur ħalla l-karozza ipparkjata ftit 'il bogħod minn hemm, fi Triq il-Kurat Chetcuti li tagħmel mill-wesgħa (Tal-Ġublew) taħt iz-zuntier tal-Knisja parrokkjali tal-Imġarr u n-naħa l-oħra ta' fejn kien l-istabiliment li fih marru jieklu[13]. Dak inhar, il-vettura kienet assikurata ma' GMI taħt polza ta' assikurazzjoni *fully comprehensive* għall-valur assikurabbli ta' ħmistax-il elf lira Maltija (Lm 15,000). L-attur kien talab li jkun assikurat ma' GMI f'Diċembru tal-2000[14]. GMI laqgħet it-talba tiegħu u dakinhar stess assikuratlu l-vettura għal sena b'seħħ mill-ewwel ta' Jannar, 2001[15];

Illi x'ħin l-atturi ħarġu mill-istabiliment fejn marru jieklu għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħaxija, l-karozza ma sabuhiex. L-attur kien għadu qiegħed iħallas prezzha bin-nifs mingħand min kien xtraha[16] u kien għad fadal xi sebat elef Lira (Lm 7,000) x'jitħallsu sa dakinhar[17];

Illi l-attur talab l-għajnuna tas-sid tal-istabiliment biex iċemplu lill-Pulizija biex jgħarrfuhom b'dak li kien seħħ, għaliex f'dak il-ħin ma kien hemm ħadd fl-Għassa tal-Imġarr. Il-Pulizija ġew ftit tal-ħin wara u wasslu lill-atturi d-dar tagħhom f'San Pawl il-Baħar u dan wara li għamel rapport dwar il-każ[18];

[10] Fil-*Proposal Form* tissemma s-somma ta' LM 19,000 (araDok "MBB1", f'paġ. 82 tal-proċess)
[11] Xhieda tiegħu fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali f'paġġ. 74 – 5 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Chris Darmanin 30.11.2005, f'paġ. 114 tal-proċess
[13] Xhieda tal-attur 2.3.2004, f'paġ. 18 tal-proċess
[14] Dok "MBB1" f'paġġ. 82 – 4 tal-proċess
[15] Dok "MBB2", f'paġ. 85 tal-proċess
[16] Dokti "GMA" u "GMB", f'paġġ. 21A u 22 tal-proċess
[17] Xhieda tal-attriċi fl-Atti tal-Inkjesta Maġisterjali f'paġ. 79 tal-proċess
[18] Dok "JA1", f'paġġ. 109 – 110 tal-proċess

Illi l-attur ressaq talba ma' GMI l-għada li ma sabx il-karozza tiegħu fil-fergħa tagħha ta' Ħal Qormi. L-attur jgħid li dakinhar ħa miegħu ż-żewġ ċwievet tal-karozza u kien ir-rappreżentant tal-kumpannija assikuratriċi li seħaq li l-attur iħalli ċ-ċwievet miegħu[19];

Illi dak li fadal mill-karozza nstab erbat ijiem wara ħdejn għorfa f'mogħdija mwarrba ta' għalqa lejn San Blas, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, wara li l-karozza ngħatat in-nar. In-nar kien ħa wkoll ma' parti mill-għorfa[20];

Illi dak inhar li nstabu l-fdalijiet, il-Maġistrat tal-Għassa għamel inkjesta u ħatar esperti biex jgħinuh fl-istħarriġ. L-espert mekkaniku maħtur mar fuq il-post fejn instabu l-fdal maħruq tal-karozza dakinhar li nstabet għall-ħabta tas-18.00 ta' filgħaxija flimkien ma' uffiċjali tal-Pulizija (S.O.C.O.) u l-Ispettur li kien qiegħed jistħarreġ il-każ[21]. Fuq ordni tal-Pulizija biex ineħħi l-fdal tal-karozza minn fejn instabu, l-attur kien qabbad kumpannija biex iġġorrhielu u din ittieħdet f'għalqa tal-iskrapp fiż-Żejtun;

Illi wara li GMI għamlet l-istħarriġ tagħha[22], għarrfet lill-attur li ma kenitx qiegħda temmen il-verżjoni tiegħu li l-karozza kienet insterqet tabilħaqq u li ħadd ma seta' jidħol fil-karozza jekk mhux b'waħda miċ-ċwievet tagħha[23]. Dan għamlitu wkoll wara li rat il-fehma tal-espert mekkaniku maħtur mill-Qorti Inkwirenti[24]. Kienet tqis li dak li ġara kien ir-riżultat li l-attur ma kienx kuntent bil-vettura u, sa qabel l-inċident, kien ilmenta bosta drabi dwar il-makna tagħha u ħadha għand il-garaxx ta' Gasan biex iduruhielu[25]. Jirriżulta li, minn meta l-attur ħareġ il-karozza fuq it-triq sa ftit jiem qabel ma ġara l-każ, l-attur kien ħa l-karozza bosta drabi għal xogħlijiet fuqha fl-istabilimenti ta' Gasan Enterprises[26], iżda l-biċċa l-kbira minnhom kienu għal "*service*" normali;

Illi mill-kostatazzjonijiet tekniċi magħmula mill-espert mekkaniku mqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, ħareġ li l-karozza ma kenitx insterqet bi żgass, iżda kienet infetħet "bi proċeduri normali jiġifieri permezz ta' ċavetta li taqbel għal-*locks* tagħha inklużi dak tal-i*steering lock* li dan għalkemm maħruq kien jinsab fil-post"[27]. Huwa wasal ukoll għall-fehma li l-karozza ma qabditx minħabba xi nuqqas fis-sistema tagħha, iżda

[19] *Ibid.*
[20] Ara d-dok JZ1 f'paġġ. 51 – 3 u 61 tal-proċess
[21] Ara l-verbal tal-aċċess f'paġġ. 67 – 70 tal-proċess
[22] Ara Dok "MBB3", f'paġġ. 86 – 9 tal-proċess
[23] Dok "MBB4",u x-xhieda ta' Max Borġ Bonello 22.6.2005 f'paġġ. 90 u 101 tal-proċess
[24] Dan tikkonfermah ukoll b'enfasi fil-Par 9 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, f'paġ. 203 tal-proċess
[25] Xhieda tal-attriċi 10.6.2004, f'paġġ. 27 – 8 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Jonathan Saliba 15.5.2007 u Dok "JS13", f'paġġ. 159 – 160 u 155 - 6 tal-proċess
[27] Dok JZ1 f'paġġ. 59 – 60 u 63 tal-proċess

għaliex min taha n-nar xerred madwarha w ġewwa fiha kwantita' ta' likwidu li jieħu n-nar;

Illi minkejja li l-attur qabbad avukati biex jitolbu lil GMI iħallsuh il-kumpens għat-telf taħt il-polza, baqa' ma ntlaħaqx qbil u GMI ma ħallset l-ebda ammont. GMI kienet qabbditu jagħmel dikjarazzjoni maħlufa dwar il-fatt[28];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fl-4 ta' Lulju, 2003;

Illi l-attur miet testat fl-24 ta' Mejju, 2004[29], u f'testment *unica charta* modifikatorju li sar fis-26 ta' Frar, 2004[30], l-attur ħalla "b'titolu ta' legat lil martu t-testatriċi mhux biss il-karozza li hu jkollu fil-mument tal-mewt tiegħu iżda wkoll il-flus li jistgħu jippervjenu mill-kawża li fetaħ it-testatur dwar il-karozza l-oħra li kellu qabel u dan peress li l-imsemmija karozza kienet sfat maħruqa";

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jiddominaw il-kwestjoni li hemm bejn il-partijiet, din il-Qorti tara li hemm żewġ aspetti li jitolbu stħarriġ. GMI tgħid li l-azzjoni attriċi taqa' għaliex l-attur assikurat tagħha naqas li jgħidilha s-sewwa dwar x'ġara tabilħaqq u ma temminx li l-karozza tiegħu nsterqet qabel ma ngħatat in-nar u nstabet fil-post imwarrab fejn instabet. Minħabba f'hekk, tgħid li mhijiex marbuta li tagħti kumpens taħt il-polza, li, fost l-oħrajn, teskludi l-għoti ta' xi benefiċċju taħtha f'każ ta' talbiet qarrieqa. It-tieni kwestjoni hija l-valur li kellha l-karozza dakinhar li ngħatat in-nar u r-rabta ta' dak il-valur mal-valur assikurat tagħha;

Illi jeħtieġ li fl-ewwel lok il-Qorti tistħarreġ il-**kwestjoni tat-telfien tal-assikurat mill-benefiċċji tal-polza ta' assikurazzjoni minħabba l-għoti ta' tagħrif qarrieq**. Din il-kwestjoni qajmitha GMI fit-tielet eċċezzjoni tagħha b'rabta mat-tieni eċċezzjoni tagħha u tinbena fuq il-pożizzjoni li l-kumpannija ħadet sa minn qabel ma nfetħet din il-kawża li tqis li s-serqa tal-karozza allegata mill-attur kienet storja maħluqa minnu biex jikseb kumpens taħt il-polza bla mistħoqq;

Illi dan l-istħarriġ jinvolvi taħlita tal-element ta' kredibilita' tal-provi mressqa flimkien mat-tħaddim ta' prinċipji ta' dritt. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, GMI tgħid li ħarġu elementi serji li joħolqu dubju serju kemm huwa minnu li l-karozza assikurata tabilħaqq insterqet qabel

[28] Dok "MBB5" f'paġ. 91 tal-proċess
[29] Dok "SM1", f'paġ. 32 tal-proċess
[30] Dok "SM2", f'paġġ 36 – 7 tal-proċess

ma ngħatat in-nar. Dan ifisser li filwaqt li jaqa' fuq l-atturi li jippruvaw tajjeb biżżejjed u fil-grad li titlob il-liġi li l-karozza tagħhom kienet insterqet (it-tieni eċċezzjoni), jaqa' fuq l-eċċipjenti GMI il-piż tal-allegazzjoni tagħha li tipprova li l-attur assikurat mexa magħha b'mod qarrieq (it-tielet eċċezzjoni) u b'hekk tilef mill-benefiċċji taħt il-polza. Filwaqt li f'tal-ewwel japplika l-prinċipju li min jallega jrid jipprova[31], fit-tieni jrid jiżdied ukoll il-prinċipju li l-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jkun ippruvat[32];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-partijiet qegħdin jieħdu pożizzjoni li waħda twaqqa' 'l oħra. Huwa minnu li teżisti regola ta' applikazzjoni proċedurali li trid li fejn f'każ joħorġu żewġ verżjonijiet li jmorru għal kollox il-waħda kontra l-oħra, il-Qorti għandha tagħżel li tqis dik il-verżjoni tal-parti mħarrka, u dan fuq il-bażi tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[33] u tar-regola ta' *in dubio pro reo*. Iżda huwa daqstant ieħor aċċettat li mhux kull konflitt jew kontradizzjoni fil-verżjonijiet tar-rispettivi partijiet f'kawża għandu jwassal lil min irid jagħti ġudizzju biex jieqaf milli jista' jiddeċiedi b'kuxjenza kwieta bla ma jkollu jdur għall-imsemmija regola[34];

Illi ma hemm l-ebda dubju li, fil-każ preżenti, fiż-żmien li seħħ l-inċident, il-vettura tal-attur kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni u li tali polza kienet waħda "*comprehensive*". Lanqas ma huwa kontestat li, dak inhar li seħħ l-inċident, dik il-polza kienet għadha fis-seħħ. Dak li qiegħda tikkontesta GMI huwa li ma ntweriex li saret serqa tassew għaliex il-vettura kienet mgħammra b'sistema ta' sigurta' li ma setgħetx tinsaq jekk mhux b'ċavetta speċjali li toħroġ mal-mudell u minħabba li, mill-fdal li nstab ħdejn il-karozza, ma ħarġu l-ebda traċċi ta' żgass. Fuq dawn l-elementi tgħid li l-attur naqas magħha li jgħid is-sewwa u b'hekk tilef il-benefiċċji li setgħet tagħtih l-istess polza. Għalhekk, tgħid li ma hix obbligata li tagħti kumpens lill-atturi;

Illi jidher li GMI tixli lill-attur b'qerq għaliex hija espressament tistrieħ fuq il-klawsola tnax (12) tal-polza ta' assikurazzjoni li tgħid li " *If any claim under this Policy shall be in any respect fraudulent or if any fraudulent means or devices are used by You or anyone acting on Your behalf to obtain any benefit under this Policy, all benefit under this Policy shall be forfeited*"[35];

---

[31] Art. 562 tal-Kap 12
[32] Art. 981(2) tal-Kap 16
[33] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[34] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tad-19.6.2006)
[35] Ara Dok "P1", f'paġ. 215 *tergo* tal-proċess

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li mhijiex żgura[36]. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilita' ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-*premium* u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt[37]. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur[38];

Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indenniżż miftiehem;

Illi l-prova ta' dak li jiġi allegat dwar l-imġiba ta' xi waħda mill-partijiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni taqa' fuq min iressaq dik l-allegazzjoni, u dan b'ħarsien tal-prinċipji li ssemmew aktar qabel. Għall-Qorti jkun biżżejjed jekk l-ispjegazzjonijiet mogħtija jkunu verosimili fuq bażi ta' probabilita' u mhux fuq l-assolutezza tal-kredibilita', l-iżjed jekk dawn l-ispjegazzjonijiet ikunu sostnuti bi provi xierqa preponderanti li jseħħilhom jikkonvinċu[39];

Illi fil-każ tal-lum, jaqa' fuq l-atturi li juru li seħħ ir-riskju li dwaru kienu assikurati. Din il-prova trid issir fil-limiti ta' probabilita' li jitlob il-proċediment ċivili. Min-naħa l-oħra, GMI trid tressaq prova tajba biex turi li għandha raġun li tqis li ma għandha obbligu li tagħti l-ebda ħlas ta' indenniżż lill-attur taħt il-polza. Għalhekk, il-Qorti għandha tqis il-provi mressqa mill-partijiet u tara x'joħroġ minnhom dwar il-pożizzjonijiet konfliġġenti meħuda minnhom;

Illi jkun tajjeb li jingħad ukoll li l-obbligu tal-ogħla bona fidi bħala wieħed mill-pilastri tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa obbligu li jgħabbi lill-partijiet kollha f'dak il-kuntratt. Bħalma huwa l-obbligu tal-assikurat li jagħmel stqarrija sħiħa u mingħajr ħabi ta' kull fatt materjali li dwaru l-assikuratur irid iqis jekk jagħtix ħarsien għar-riskju taħt il-polza, hekk

---

[36] Art. 964 tal-Kap 16
[37] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.***
[38] Art. 1053(1) tal-Kap 16
[39] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

ukoll l-assikuratur irid jimxi bl-ogħla bona fide mal-assikurat. Ingħad li tali obbligu huwa mistenni mhux biss fil-waqt li jkun qiegħed jissawwar il-kuntratt, iżda wkoll fl-eżekuzzjoni tal-istess u fit-tifsir li jingħata lill-kuntratt waqt li l-assikuratur ikun qiegħed iqis il-"*claim*" imressqa mill-assikurat[40];

Illi dan ifisser li, meta wieħed jiġi biex ifisser u japplika l-kliem ta' polza, irid jagħmel dan skond il-prinċipji ġenerali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, b'mod partikolari l-artikoli 1005, 1006, 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat fid-Dritt Assikurattiv li sakemm kliem f'polza ma jkunx minnu nnifsu kliem ta' xejra teknika jew xjentifika, il-kliem u t-termini fiha għandu jingħata t-tifsira ordinarja tiegħu[41]. Fi kliem ieħor, il-kliem jitfisser bil-mod li bih jifhmu l-bniedem tat-triq. Issa, fil-każ ta' telf ta' ħaġa minħabba serq, il-kelma hija meqjusa li tfisser it-teħid mingħand l-assikurat ta' ħwejġu mingħajr jew kontra r-rieda tiegħu[42]. Fil-każ tal-polza maħruġa favur l-attur, kulma tgħid il-polza hu li "*theft*" tfisser "*theft or attempted theft*"[43];

Illi ta' min jisħaq li GMI ssejjes it-tielet eċċezzjoni tagħha fuq ir-regola tan-"*non-disclosure*" u mhux tal-"*misrepresentation*" li, fid-Dritt tal-Assikurazzjoni, jixxiebhu għalkemm mhumiex l-istess ħaġa. Fuq kollox, ix-xilja ta' GMI dwar l-attur tirreferi għaċ-ċirkostanzi wara li seħħet il-ġrajja assikurata u l-polza kienet inħarġet u mhux fiż-żmien meta l-attur kien għadu qiegħed jitlobha taċċetta li tassigurah. F'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*As the purpose of disclosure of material facts is to enable the insurer to decide whether to make the contract of insurance and, if so, on what terms, the duty of disclosure has to be performed whenever the insurer has that kind of decision to make: on new insurance, on renewal of insurance and inrespect of any change in current insurance. The corollary is that there is no duty of disclosure at any other time and, in particular, unless the contract stipulates otherwise, no duty to notify changes of risk during the insurance period*"[44];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, jidher għalhekk li t-tielet eċċezzjoni ta' GMI mhijiex daqstant waħda fuq il-linji stretti tal-prinċipju tan-"*non-disclosure*" daqskemm fuq ir-regola li polza ta' assikurazzjoni ma tagħti l-ebda benefiċċju fil-każ fejn l-assikurat, debitament kopert b'polza ta'

---

[40] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Bajada et vs Middle Sea Insurance Co. Ltd.***
[41] Hardy Ivamy: General Principles of Insurance Law (4th. Edit, 1979), paġġ. 362-3
[42] Birds: Modern Insurance Law (4th. Edit, 1997), paġ. 222
[43] Ara Dok "P2", f'paġ. 217 *tergo* tal-proċess
[44] Clarke: The Law of Insurance Contracts (2nd Edit, 1994) § 23 – 4 , paġ. 557

assikurazzjoni, jagħmel talba qarrieqa għall-kumpens ("*fraudulent claim*") wara li jkun seħħ il-fatt assikurat. F'każ bħal dan, l-assikuratur jinħeles mir-rabta li jagħti kumpens taħt il-polza sewwasew minħabba li t-talba qarrieqa tal-assikurat tkun tikkostitwixxi ksur tal-obbligu tal-bona fidi min-naħa tiegħu;

Illi l-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru u fid-dawl tal-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża, tistħarreġ il-**kwestjoni dwar jekk intweriex li seħħet tassew is-serqa** tal-vettura tal-attur jew jekk l-attur qarraqx meta għamel it-talba tiegħu għall-kumpens taħt il-polza;

Illi dik li GMI tixli bih lill-attur hija xilja serja li titlob prova qawwija. Dan għaliex, fil-kuntratti bilaterali, l-element tal-bona fidi huwa wieħed ewlieni li jorbot mhux biss għal dak li jingħad fil-kuntratti, imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha r-rabta skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita', bl-użu jew bil-liġi[45]. Ix-xilja ta' GMI, allura, tattribwixxi lill-attur b'egħmil doluż u dan jitfa' piż fuqha li turi sewwa dak li tixlih bih;

Illi l-awturi jgħallmu li "*The onus of proving fraud is on the insurer. In cases of fraudulent misstatement about the extent of loss, there may be little doubt that the statement was made, but the insurer must also prove that it was false and that the claimant knew that it was false. In other cases, the insurer's allegation of fraud may be more serious: that the loss occurred as claimed but was deliberately caused by the claimant. In all cases of alleged fraud, the onus, while not that of the criminal law, is greater than the usual balance of probabilities, because 'the more serious the allegation the higher the degree of probability' to be established. Indeed, if the allegation of fraud is that the insured fired his own property, the onus is close to that facing the prosecution in a criminal case on the same facts, involving a 'high degree of probability'*"[46];

Illi minbarra li l-qerq irid ikun ippruvat kif imiss, jingħad ukoll li biex talba għall-kumpens taħt polza titqies waħda tabilħaqq qarrieqa, trid tkun waħda fejn l-assikurat ikun jaf li l-pretensjoni hija waħda falza u mhux mistħoqqa ("*a claim he knew to be false and unjust*"[47]) u li l-qerq ikun sostanzjali jew materjali. Fit-tieni lok, irid jintwera wkoll (mill-assikuratur) li l-qerq kien maħsub li bih jinkiseb vantaġġ (ġeneralment f'somma ta' flus) mhux mistħoqq lil min jagħmel it-talba qarrieqa jew li biha ħaddieħor

[45] Art. 993 tal-Kap 16
[46] Clarke *op. cit.* §27 – 2A,f' paġġ. 711 – 2
[47] Ara l-każ klassiku ***Chapman vs Pole*** (**1870**) 22LT 306 *per* Cockburn CJ (każ ta' assikurazzjoni dwar ħruq)

jitqiegħed fi żvantaġġ. Fit-tielet lok, jekk kemm-il darba jintwera li parti biss mit-talba għall-kumpens tkun qarrieqa, taqa' t-talba kollha. "*This is because the contract is a single contract and because, if the fraud justifies termination, all primary duties, including the insurer's duty to pay claims, are ended*"[48];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li GMI tgħid li l-attur mhux biss ipprova jqarraq biha billi allega li l-karozza nsterqitlu meta dan ma kienx il-każ, imma wkoll li qarraq dwar il-valur tal-istess karozza fiż-żmien ta' meta ngħatat in-nar. Fid-dritt, dawn iż-żewġ egħmejjel jikkostitwixxu suriet ta' qerq, iżda fi grad differenti: tal-ewwel twassal għall-ħelsien mir-rabta tal-assikuratur li jagħti kumpens taħt il-polza; filwaqt li tat-tieni jagħti lill-assikuratur (u dan jaf ikun ukoll stabilit fil-polza nnifisha) il-jedd li jqis kejl jew ammont differenti ta' kumpens minn dak pretiż mill-assikurat imġarrab;

Illi bħala provi li f'din il-kawża GMI tistrieħ fuqhom biex turi li l-attur qarraq biha nsibu (i) l-għadd kbir ta' kilometri li l-karozza tellgħet fis-sittax-il (16) xahar li laħaq inqeda biha l-attur sakemm ingħatat in-nar; (ii) li l-karozza kienet mgħammra b'tagħmir li ma jħallihiex tinsaq jekk mhux b'ċavetta partikolari li jkollha ċippa u li din tinħadem biss mid-dar tal-produttriċi tal-istess karozza; (iii) li ż-żewġ ċwievet li ngħata l-attur kienu fil-pussess tiegħu meta irrapporta s-serqa tal-karozza (tant li għaddihom it-tnejn lir-rappreżentant ta' GMI meta mar jagħmel il-"*claim*") u ma jirriżultax li matul iż-żmien minn meta xtraha huwa qatt kien talab li ssirlu kopja oħra taċ-ċavetta; (iv) li l-espert mekkaniku maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti wasal għall-fehma li l-karozza ttieħdet fil-post fejn ingħatat in-nar bla ma sar l-ebda żgass fuqha, (v) il-ħġieġ kien għadu f'postu għalkemm imdewweb u (vi) l-vettura nsaqet sa hemm bis-saħħa tal-makna tagħha stess (jiġifieri ma kenitx irmunkata jew mgħobbija fuq xi vettura oħra) u li (vii) l-i*steering lock* kien applikat; (viii) tgħid li l-atturi naqsu li jippruvaw li għamlu dak li kien meħtieġ biex il-karozza tagħhom ma tinsteraqx[49]; u (ix) li jekk kellu jkun ukoll li l-attur kien qata' kopja oħra taċ-ċavetta, xorta waħda qarraq bl-assikuratriċi għaliex kien taha lura żewġ kopji biss u ma qalilhiex li kien qata' kopja oħra;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jisħqu li wettqu l-provi li kienu marbuta jġibu 'l quddiem u li dan għamluh b'mod tajjeb biżżejjed biex jissostanzjaw il-każ tagħhom. B'mod partikolari, huma jgħidu li (i) l-karozza ttieħdet mill-post fejn l-attur kien ħalliha dakinhar meta mar jiekol fi stabiliment ma' martu l-attriċi; (ii) li għalkemm l-espert maħtur mill-

[48] Clarke *op. cit* §27 – 2D1, f'paġ. 716
[49] §6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 201 tal-proċess

Maġistrat Inkwirenti ma setax jgħid kif u minn min il-karozza ttieħdet mill-post fejn tħalliet, qal li din insaqet minn dak il-post u ngħatat in-nar band'oħra doložament; (iii) li l-Pulizija indagaw il-każ u ma setgħu jaslu f'suspett dwar l-ebda persuna, lanqas fuq l-attur bħala sid tal-vettura, u baqgħu qatt ma ressqu lil ħadd dwar dan il-każ[50]; (iv) li l-fatt li l-attur kien ħa l-karozza għadd ta' drabi għand Gasan biex isirilha s-*service* ixejjen ix-xilja ta' GMI li l-karozza kienet fuq qalbu u li ried jeħles minnha, għaliex għall-kuntrarju dan jixhed kemm kien jieħu ħsiebha; (v) li l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti wera l-fehma li l-karozza setgħet insterqet mill-post fejn ħalliha l-attur ukoll b'kopja taċ-ċavetta[51];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, wara li qieset l-argumenti taż-żewġ naħat u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet legali li saru qabel, GMI ma seħħilhiex turi fil-grad għoli meħtieġ ta' prova minnha mitlub li l-attur tabilħaqq ressaq talba qarrieqa għall-kumpens taħt il-polza dwar jekk huwiex minnu li l-karozza tiegħu nsterqitx jew le. Għalhekk tasal għall-fehma li t-talba saret sewwa taħt il-polza fis-seħħ. Dan tasal għalih għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, il-fehma tal-espert maħtur mill-Qorti Inkwirenti li setgħet issir kopja taċ-ċavetta tal-karozza hija msejsa fuq l-esperjenza fuq medda twila ta' żmien tal-istess espert fil-qasam u wkoll bħala persuna midħla mal-għamla tal-karozzi tal-marka *Volvo*. Fit-tieni lok, GMI straħet biss fuq ix-xhieda ta' persuna teknika li xehed dwar il-karatteristiċi tas-sigurta' fil-mudell tal-karozza bħal dik li kellu l-attur bla ma ressaq prova awtorevoli biżżejjed biex ixxejjen il-possibilita' li kopja ta' ċavetta setgħet tinqata' u wkoll fi stabiliment hawn Malta stess[52]. Kien ikun wisq meħtieġ li GMI tressaq prova min-naħa tal-kumpannija li immanifatturat il-vettura biex tissostanzja l-impossibilita' li hija tgħid li kienet teżisti fir-rigward tal-vettura tal-attur. Għall-kuntrarju, minħabba li din iċ-ċirkostanza kienet ta' siwi kruċjali għas-soluzzjoni tal-kwestjoni, l-Qorti ħasset li kellha tagħmel tiftix dwar din il-kwestjoni u, minn tali tiftix, ħareġ li s-"*security features*" fl-għamla ta' vettura bħalma kellu l-attur ma kenux jissodisfaw l-hekk imsejħa *Thatcham Criteria*[53] f'dak li jirrigwarda l-possibilita' ta' serq ta' vettura tal-għamla tagħha bil-metodi sofistikati li jintużaw illum[54]. Fit-tielet lok, ma huwiex id-dmir tal-assikurat li jfisser kif ikun seħħ is-serq tal-ħaġa assikurata, ladarba juri li l-ħaġa tkun tabilħaqq insterqitlu. Fir-raba' lok, l-attur ma ntweriex li kien traskurat fil-mod kif ħalla l-karozza meta ħareġ biha: ipparkjaha f'misraħ imdawwal, f'post mhux imwarrab u fejn vetturi oħrajn, u għalkemm mhux wisq 'il bogħod mill-istabbiliment minn fejn hu u martu marru jieklu, l-vettura ma kenitx

---

[50] Xhieda Spett. Jeffrey Azzopardi 30.11.2005 f'paġ. 120 tal-proċess
[51] Dok JZ1 u x-xhieda tal-espert Joseph Żammit 22.6.2005 f'paġġ. 63, 95 – 8 tal-proċess
[52] Xhieda ta' Jonathan Saliba 15.5.2007, f'paġġ. 158 u 161 – 4 tal-proċess
[53] Imsejħa formalment "*British Insurance Industry's Criteria for Vehicle Security*" (Ara www.thatcham.org 'Theft Without Keys')
[54] Ara G Acott European Security Volvo S40 Smart key System (April 2005) paġġ. 7 – 8 u 15

tidher mill-istabiliment u għalhekk ma naqasx li jinnota jekk kien hemm xiħadd ibagħbas magħha. Fil-ħames lok, l-attur mexxa b'kull għaqal it-talba tiegħu taħt il-polza b'rapport f'waqtu dwar is-serqa kemm mal-awtoritajiet kompetenti u kif ukoll mal-assikuratur tiegħu, billi qagħad għall-istruzzjonijiet li tah ir-rappreżentant ta' GMI u bit-teħid tal-proċeduri kollha li kienu mistennija minnu biex jirreklama s-serqa f'ġurnal lokali. Fis-sitt lok, l-għamla ta' polza li l-attur kellu – "*comprehensive*" – kienet tgħodd fiha l-ġrajja ta' serqa u wkoll ta' għoti tan-nar lill-ħaġa assikurata;

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-attur qarraq b'GMI dwar il-valur tal-vettura. Huwa magħruf li l-attur bħala kumpens qiegħed jitlob il-ħlas tal-valur assikurat. Dan għamlu għaliex il-vettura nħarqet u tqieset bħala "*total loss*". Il-fatt li assikurat jippretendi li l-kumpens ikun jaqbel mal-ammont assikurat ma huwiex, fil-fehma tal-Qorti, egħmil qarrieqi. Huwa minnu li l-polza nnifisha tħalli lill-assikuratur id-diskrezzjoni li jikkumpensa f'ammont anqas minn dak imsemmi bħala l-valur assikurat, u dan sewwasew għaliex jista' jkun hemm ċirkostanzi li jwasslu biex il-ħaġa assikurata ma tkunx tiswa tabilħaqq daqskemm tkun ġiet assikurata u l-assikuratur huwa marbut biss biex iħallas b'kumpens il-valur xieraq tal-ħaġa assikurata. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan ma jfissirx li l-assikurat ikun qarraq: għall-kuntrarju, jista' jkun tqarraq li jagħti valur assikurat ogħla, minkejja li l-assikuratur ikun wissieh li l-valur assikurat ma jkunx dak xieraq;

Illi fil-każ tal-vettura tal-attur, huwa minnu kif tgħid GMI li l-attur naqas għal kollox li juri kemm kien xtara l-vettura. Iżda hemm provi oħrajn[55] li juru li l-vettura kienet inxtrat bi prezz ogħla minn dak li kienet ġiet assikurata għalih taħt il-polza fis-seħħ dakinhar tas-serqa;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li **l-ewwel talba** attriċi hija mistħoqqa u GMI hija marbuta, suġġett għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem, li tikkumpensa għas-serqa u l-għoti tan-nar lill-vettura assikurata taħt polza maħruġa minnha u l-Qorti ssib li għalhekk **it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka mhumiex mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tal-kumpens dovut** joħroġ bħala fatti mhux kontestati mill-partijiet: (a) li l-attur kien xtara l-karozza bħala ġdida fil-bidu ta' Jannar tal-2000; (b) meta seħħ l-inċident, l-attur kien għadu qiegħed iħallas il-prezz li bih xtara l-karozza[56]; (ċ) it-talba tal-attur bħala sid tal-karozza biex il-karozza tiegħu tkun assikurata

[55] Ara, b'eżempju, Dok "MBB1", f'paġ. 82 tal-proċess
[56] Tant li fl-2005 C.B. Motors Limited kienet fetħet kawża kontra l-attriċi u wliedha għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz.

ntlaqgħet minn GMI meta l-karozza kienet ilha qrib sena fuq it-triq; (d) li l-valur assikurat maqbul kien fis-somma ta' € 34,940.60; (e) li dwar pretensjoni ta' kumpens minħabba ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-assikurat kellu ħarsien, il-polza kienet taħseb għal "*excess*" kumulativ ta' Lm 25; (f) li meta l-karozza nsterqet u mbagħad ingħatat in-nar, kien ilha ftit aktar minn sena li kienet inxtrat; (ġ) li, wara li nstabet maħruqa, il-karozza ma kinitx f'qagħda li tissewwa; u (ħ) li l-attur ressaq talba għall-kumpens taħt il-polza fi żmien utli;

Illi bejn il-partijiet qamet il-kwestjoni dwar x'valur seta' kellha l-karozza tal-atturi dakinhar li nsterqet u sa dakinhar li ngħatat in-nar. Kif ingħad qabel, GMi toħloq l-argument li l-għadd ta' mili li l-attur kien tella' bl-użu tal-karozza fiż-żmien li damet għandu minn mindu xtraha kien ammont hekk kbir li bilkemm jista' jitwemmen fil-każ ta' użu ta' vettura minn sid wieħed privat. Minbarra dan, tgħid li ma jistax ikun li l-valur tal-karozza dakinhar tal-inċident kien tassew il-valur li għalih l-istess karozza kienet ġiet assikurata;

Illi hija r-regola li fejn, minħabba inċident, karozza titqies li ma jkunx għaqli ekonomikament li wieħed isewwiha jew li ma tibqax tajba biex tinsaq (stat li, fil-qasam tal-assikurazzjoni, jaqa' taħt il-frażi "*write-off*"), sidha jkun jistħoqqlu jiġbor b'kumpens mingħand l-assikuratur tiegħu d-differenza bejn kemm kienet tiswa minnufih qabel l-inċident u l-valur tagħha wara l-inċident[57];

Illi l-Qorti tifhem u testa taċċetta li karozza li tinxtara ġdida ma tibqax iżżomm il-valur tagħha hekk kif tinħareġ fuq it-triq. F'sentenzi mogħtijin mill-Qrati tagħna, tqies li karozza li tinħareġ ġdida fuq it-triq titlef "ammont raġonevoli mill-valur tagħha kieku kellha tiġi biex tbiegħha anki xahar wara li nħarġet fit-triq"[58]. Dan jgħodd minkejja l-kura u l-attenzjoni li jagħraf jagħtiha sidha[59];

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li l-kumpens mistħoqq irid jinħadem fuq il-valur rejali tal-karozza u mhux bilfors skond kemm kien iddikjarat il-valur assikurat tagħha, u dan għaliex ir-riżarċiment għandu jkun wieħed maħdum oġġettivament u mhux suġġettivament[60];

Illi madankollu, f'dan il-każ hemm ċirkostanza li toħroġ mill-provi u li l-partijiet jidher li nsew għal kollox, u liema ċirkostanza fil-fehma tal-Qorti hija waħda determinanti għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi** u r-**raba'**

[57] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Casha vs Frans Sammut***
[58] P.A. FD **3.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecilia Attard Pirotta et vs Marianne Farruġia*** (mhix pubblikata)
[59] P.A. AJM **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carlos Cordina vs Jason Żammit*** (mhix pubblikata)
[60] App. Inf. **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance p.l.c.***

**eċċezzjoni** li tqajmet dwarha. Din iċ-ċirkostanza hi li l-karozza tal-attur kienet inxtrat bin-nifs u li, dakinhar li seħħ l-inċident assikurat, il-prezz ma kienx għadu tħallas kollu. Din iċ-ċirkostanza kienet saħansitra ssemmiet mill-attur innifsu fil-"*proposal form*" li mtliet meta talab lil GMI tassikuralu l-vettura[61]. Mhux hekk biss, iżda meta GMI ipprovat terġa' tiftaħ l-istadju tal-provi f'din il-kawża wara li kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni tal-għeluq, iġġustifikat it-talba tagħha fuq il-bażi li l-atturi kienu sejrin jistagħnew bla mistħoqq minħabba li kienu qegħdin jippretendu l-kumpens taħt il-polza mingħajr ma kienu ħallsu l-prezz kollu tal-karozza;

Illi jidher li mit-termini u l-patti tal-polza nnifisha hemm soluzzjoni għal din il-kwestjoni. Kemm hu hekk, fit-taqsima tal-polza li titkellem dwar "*Loss or Damage to the Motor Vehicle*" hemm klawsola li tgħid "*If the Motor Vehicle belongs to someone else or is the subject of a hire purchase or leasing agreement or a bill of sale by way of mortgage, payment for the total loss or destruction of the Motor Vehicle will be made to the Motor Vehicle's legal owner as described in the hire purchase agreement or the mortgagee described in the bill of sale whose receipt shall be in full and final discharge to Us*"[62];

Illi din il-klawsola hija patt li l-attur bħala assikurat kien marbut bih u magħruf minnu meta talab u kiseb il-ħruġ tal-polza favur tiegħu. Il-kliem tal-klawsola huwa ċar u kategoriku u jagħmilha ċara li, f'każ ta' telfien sħiħ tal-vettura minħabba l-ħsara mġarrba bil-ħruq (bħalma ġara f'dan il-każ), il-kumpens maħdum taħt il-kriterji stabiliti fl-istess klawsola ma jitħallasx lill-assikurat iżda lis-sid "legali" tal-vettura;

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li t-tieni talba tal-atturi ma hijiex mistħoqqa għaliex, ladarba l-prezz tal-karozza ma kienx għadu tħallas kollu, l-parti li kellha tirċievi l-kumpens kellha tkun is-sid "legali" tal-karozza u mhux l-attur li mingħandha kien xtraha. Dan jaqbel mar-regola li l-bejgħ bin-nifs ma jgħaddix fix-xerrej il-proprjeta' tal-ħaġa mibjugħa sakemm ma jkunx tħallas il-prezz kollu[63], filwaqt li fuq ix-xerrej jgħaddi r-riskju taż-żamma tal-ħaġa mibjugħa. Fil-kliem li jintuża s-soltu, meta vettura tkun għadha taħt l-hekk imsejjaħ "Regolament 25"[64], sakemm prezzha jkun tħallas kollu lill-bejjiegħ, il-proprjeta' ma tgħaddix għand ix-xerrej[65];

---

[61] Ara Dok "MBB1", f'paġ. 83 tal-proċess
[62] Dok "P2", f'paġ. 217 *tergo* tal-proċess
[63] P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Regina Auto Dealer Ltd vs Miller Distributors Ltd et***
[64] Li jirreferi għad-dispożizzjonijiet ta' dak li kien ir-Regolament 25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994 – L.S. 65.11) u mħassar bl-A.L. 476 tal-2004
[65] Ara, f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn App. Ċiv. **24.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Gaetano Frendo***

Illi l-Qorti tifhem li l-imsemmija klawsola tal-polza trid tinftiehem u titħaddem b'mod li tirrispetta x'ikun ġara sewwa bejn bejjiegħ u xerrej ta' vettura mixtrija bin-nifs. Dan għaliex, wieħed irid jieħu qies tal-fatt ukoll jekk, meta vettura tinsteraq jew tingħata n-nar, ix-xerrej ikunx ħallas jew le parti sostanzjali tal-prezz miftiehem. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li dik il-klawsola trid tfisser li s-sid legali tal-karozza assikurata jkun irid jitħallas il-kumpens taħt l-istess polza almenu sas-somma mill-prezz miftiehem li jkun għadu ma tħallasx; minn hemm 'l hemm il-kumpens, jekk kemm-il darba jkun fadal, jirċevih ix-xerrej assikurat. Iżda, l-prinċipju li l-proprjeta' tgħaddi biss ladarba l-bejjiegħ ikun tħallas il-prezz kollu jibqa' jorbot;

Illi, f'dan il-każ, l-attur baqa' ma ressaqx provi ċari li juru kemm tabilħaqq kien ftiehem li jħallas biex jixtri l-karozza mertu tal-każ. Mhux hekk biss, imma fix-xhieda tiegħu qal li parti mill-prezz kien impartat ma' vettura li kellu qabel. Baqa' ma semmiex lanqas kemm kienet stmata l-karozza li partat. Minbarra dan, ħareġ mill-provi li sa dak inhar li l-karozza ngħatat in-nar, kien għad hemm ammont ta' kambjali li baqgħu ma tħallsux u għalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-prezz miftiehem ma kienx tħallas kollu meta l-karozza nqerdet bin-nirien. Dan l-ammont illum jinsab kanonizżat b'sentenza li saret ġudikat;

Illi f'ċirkostanza bħal din, u kif tajjeb tinnota GMI fis-sottomissjonijiet tagħha, jiġi li l-atturi naqsu li jressqu prova tal-valur tal-karozza u li ladarba hemm dan in-nuqqas ċar tgħodd ir-regola proċedurali li *actore non probante reus absolvit*;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni talba attriċi ma hijiex mistħoqqa u għalhekk ma hemm l-ebda ħtieġa li l-Qorti tiddetermina l-valur tal-karozza fiż-żmien tal-inċident;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka billi ma seħħilhiex turi fi grad tajjeb biżżejjed li l-attur assikurat kien qarraq biha meta qal li l-karozza assikurata kienet insterqitlu u ngħatat in-nar;

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka hija marbuta bil-polza maħruġa dwar il-vettura tal-attur li tagħmel tajjeb għas-serq u l-għoti tan-nar tal-istess vettura;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** ladarba l-kumpens għall-inċident li fih kienet involuta l-vettura assikurata kien jispetta lis-sid tal-vettura u mhux lill-attur u billi l-attur naqas li jġib provi dwar il-valur tal-karozza tiegħu;

**Tilqa' r-raba' eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Ottubru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**5 ta' Ottubru, 2015**